# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 19 ta' Frar 2020**

**Rikors Numru : 259/2019 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**MC**

**vs**

**HG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' MC, datat 5 ta' Ġunju 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti kkontrattaw iż-żwieġ tagħhom fl-20 ta' Novembru 1996 fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta (ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat Dok A)*

2. *Illi l-esponenti tiddikjara illi minn dan iż-żwieġ huma ma kellhomx tfal;*

3. *Illi l-kontendenti infirdu legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn Nutar Pubbliku Dottor Liza Camilleri fit-28 ta' Jannar 2008 (kopja awtentikata hawn annessa u mmarkata bħala Dok B)*

4. *Illi kif jirriżulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet irrinunzjaw għad-dritt rispettiv tagħhom illi jitolbu manteniment mingħand xulxin (vide Artikolu 2 tal-istess kuntratt).*

5. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti;*

6. *Illi l-esponenti qiegħda tannetti affidavit tagħha li qiegħed jiġi hawn* anness *u mmarkat bħala Dok C;*

7. *Illi għalhekk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, mhuwiex meħtieġ illi issir medjazzjoni behniethom.*

   *Għaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett illi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 66 B tal-Kapitolu 16, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, previa s-smiegħ tal-partijiet kif maħsub fl-Artikolu 66 C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66 B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artikolu 66 C.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi permezz tal-affissjoni (fol 17) u tal-pubblikazzjoni ( fol 20, 21 u 22 );

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-intimat baqa' kontumaci;

Rat l-fakolta moghtija minn din il-Qorti lil intimat ai termini tal-Art. 158(10) Kap. 12, biex jippresenta s-sottomissjonijiet tieghu;

Rat illi l-intimat baqa' inadempjenti;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

Illi **MC** xehdet (fol 24) illi hija iżżewwġet lil HG fl-20 ta' Novembru tal-1996 u li minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal. Illi huma iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fit-28 ta' Jannar 2008 u li mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni 'l hawn, ma kienx hemm rikonċiljazzjoni bejn il-

partijiet u lanqas hemm tama tal-istess. Xehdet ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il- 20 ta' Novembru 1996 (Dok

A fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Liza Camilleri, datat 28 ta' Jannar 2008 (vide Dok. B fol 5 et seqq.) u ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mil-ligi.

Jirrizulta ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis illi ma hemm ebda eccezzjoni li hija ghandha titqanqal ex officio in vista tal-kontumacja tal-intimat.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attriċi irnexxilha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**